



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża T-763/16

PY

vs

EUCAP Sahel Niger

“Klawżola ta’ arbitraġġ – Persunal tal-missjonijiet internazzjonali tal-Unjoni Ewropea – Tilwim dwar il-kuntratti tax-xogħol – Proċeduri ta’ investigazzjoni interna – Protezzjoni tal-vittmi fil-każ ta’ rapport ta’ sitwazzjoni ta’ fastidju – Responsabbiltà kuntrattwali”

Sommarju – Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) tat-12 ta’ April 2018

1. *Politika estera u ta’ sigurtà komuni – Ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni – Rikorsi relatati mal-ġestjoni mill-missjonijiet tal-Unjoni ta’ politika ta’ sigurtà u ta’ difiża komuni tal-persunal tagħhom – Inklużjoni*

2. *Proċedura ġudizzjarja – Kawża mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali fuq il-bażi ta’ klawżola ta’ arbitraġġ – Kuntratti tal-impjeg tal-persunal ta’ missjoni internazzjonali tal-Unjoni – Rikors għal responsabbiltà kuntrattwali – Determinazzjoni tal-liġi applikabbli – Kuntratti tal-impjeg li ma jispeċifikawx l-imsemmija liġi – Eżami tar-rikors biss fuq il-bażi tal-imsemmija kuntratti u fid-dawl tal-prinċipji ġenerali tad-dritt – Ammissibbiltà – Kundizzjonijiet*

(Artikolu 340(1) TFUE)

3. *Proċedura ġudizzjarja – Kawża mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali fuq il-bażi ta’ klawżola ta’ arbitraġġ – Kuntratti tal-impjeg tal-persunal ta’ missjoni internazzjonali tal-Unjoni – Rikors għal responsabbiltà kuntrattwali – Rabta kawżali – Kunċett*

(Artikolu 340(1) TFUE)

1. Il-qorti tal-Unjoni hija kompetenti sabiex tieġu konjizzjoni ta’ rikorsi relatati mal-ġestjoni mill-missjonijiet tal-Unjoni tal-politika ta’ sigurtà u ta’ difiża komuni tal-persunal tagħhom, anki meta din il-ġestjoni tikkonċerna l-operazzjonijiet “fuq il-post”.

(ara l-punt 53)

2. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, ir-responsabbiltà kuntrattwali tal-Unjoni għandha tiġi rregolata bil-liġi li tapplika għall-kuntratt inkwistjoni.

Sa fejn il-kuntratti tal-impjeg tar-rikorrenti ma jispeċifikawx il-liġi applikabbli għal dawn il-kuntratti, ir-rikors jista’ jiġi eżaminat biss fuq il-bażi tal-imsemmija kuntratti tal-impjeg, inklużi d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta’ Mġiba u ta’ Dixxiplina tal-Missjoni Internazzjonali tal-Unjoni kkonċernata li jagħmlu parti integrali minnhom, fid-dawl tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tar-responsabbiltà kuntrattwali. Skont dawn il-prinċipji, sabiex azzjoni għal responsabbiltà kuntrattwali tirnexxi, għandhom jiġu ssodisfatti tliet kundizzjonijiet, jiġiefieri, fl-ewwel lok, li

l-istituzzjoni inkwistjoni ma tkunx wettqet l-obbligi kuntrattwali tagħha, fit-tieni lok, li r-rikorrent ikun sofra dannu u, fit-tielet lok, li tkun teżisti rabta kawżali bejn l-imġiba tal-imsemmija istituzzjoni u dan id-dannu.

(ara l-punti 61, 62, 66)

3. Fil-qasam tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali, l-Unjoni tista' tinżamm responsabbli biss għad-dannu li jirriżulta b'mod suffiċjentement dirett mill-aġir irregolari tal-istituzzjoni kkonċernata. L-istess jgħodd għar-responsabbiltà kuntrattwali tal-Unjoni..

(ara l-punt 121)